# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 98/8 (Laqgħa B'Urġenza)

It-Tnejn 18 ta` Settembru 2023

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
George Fenech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

ASSENTI

Marija Micallef – Viċi Sindku

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

098.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

098.2 Proposti tal-Parkeġġ Residenzjali;

098.3 Tmiem tal-laqgħa.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafà ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għoxrin ta' filgħaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**098.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kien hemm ittra ta' apoloġija mill-Kunsilliera A Amri Brincat. Din it-talba ġiet aċċettata minn dawk preżenti.

**098.2 Proposti tal-Parkeġġ Residenżjali;**

Is-Sindku għamlet referenza għall-korrispondenza relatata mall-proposti tal-Parkeġġ Residenżjali. Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kienet laqgħa fejn għaliha attenda l-Kunsillier G Fenech.

Is-Sindku pproponiet sabiex 60% tal-parkeġġ fit-toroq (Triq Ħal-Resqun, Triq Bir Miftuħ, Triq De Warsbergh, Triq iż-Żebbuġa, Triq San Mark, Triq San Pawl, Triq il-Magħsar, Triq il-Fidwa, Wesgħet Anġlu Dalli, Triq Ġilormu Cassa) jsiru parkeġġ għar-residenti biss. 40% tal-parkeġġ f'dawn it-toroq jsir timed parking (120 mins parking – no return within one hour) excpet for residents bejn il-ħamsa taċ filgħaxija (5:00pm) u s-sebgħa ta' filgħodu (7:00am). Bejn is-sebgħa ta' filgħodu u l-ħamsa ta' filgħaxija jsir parkeġġ għar-residenti u kemm għal dawk li jiġu barra mir-raħal. Is-Sindku żiedet tgħid li jrid isir resident parking permit għar-residenti kollha li jidhru fuq ir-Reġistru Elettorali.

Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex jżdiedu wkoll Triq William Baker, Triq Pietro Cagliardi, Triq Vincenzo Dimech u Triq Toni Zammit. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

Is-Sindku pproponiet li jinħareġ temporary parkinh permit għal dawk l-individwi li mhux residenti l-Gudja u jkun hemm bżonn jħallu l-karozza fil-Gudja fil-ħinijiet ta' filgħaxija minħabba raġunijiet ta' mard fil-familja. Il-Kunsillier S Caruana propona li dan il-permess jinħareġ ukoll għal dawk li jagħmlu użu minn karozzi tax-xogħol.

Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex ssir laqgħa mall-MIA sabiex jiċentivaw lill-ħaddiema tagħhom jużaw il-parkeġġ tal-airport.

98.3 Tmiem tal-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2023

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv